

Brussell, 21 ta' Ottubru 2021
(OR. en)

12931/21

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0316(COD)

FIN 793
SOC 587

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Kumitat tal-Baġit
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	12656/21 (COM(2021) 618 final)
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni wara applikazzjoni minn Spanja (EGF/2021/001 ES/Pais Vasco metal)

1. Fis-7 ta' Ottubru 2021, il-Kummissjoni baġtet lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG), akkompanjata mill-proposta korrispondenti għat-trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 19/2021¹.
2. Il-proposta għandha l-għan li timmobilizza l-ammont ta' EUR 1 214 607 taħt il-FEG bi tweġiba għal applikazzjoni minn Spanja biex il-Fond jintuża b'rabta ma' sensji f'sitt intrapriżi fir-reġjun NUTS II ta' Pais Vasco, sabiex tingħata assistenza għall-integrazzjoni mill-ġdid fis-suq tax-xogħol tal-491 beneficijarju fil-mira, skont ir-Regolament (UE) Nru 2021/691². Is-sensji kienu kkawżati mill-kriżi ekonomika globali li rriżultat mill-pandemija tal-COVID-19.

¹ Dok. 12657/21.

² Regolament (UE) 2021/691 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013 (ĠU L 153, 3.5.2021, p. 48).

3. Il-Kumitat tal-Baġit eżamina l-proposta fil-laqgħa tiegħu tat-18 ta' Ottubru 2021 u seta' japprovaha.
 4. Fid-dawl ta' dan, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jagħti parir lill-Kunsill biex japprova t-test tad-Deċiżjoni dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, kif jinsab fid-dokument 12932/21.
-